

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1062/2009

tas-26 ta' Ottubru 2009

li jiftaħ u jipprova għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Komunità għal ċerti prodotti tal-ħut għall-perijodu 2010-2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 824/2007

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-provvista mill-Komunità ta' ċerti prodotti tas-sajd bħalissa tiddependi fuq importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Fl-aħħar 10 snin ir-rata ta' awtosuffiċjenza tal-UE għall-prodotti tas-sajd naqset minn 57 % għal 36 %. Huwa fl-interess tal-Komunità li tissospendi parzjalment jew kompletament id-dazji doganali għal daww il-prodotti, fil-kwoti tat-tariffi Komunitarji ta' volum xieraq. Sabiex ma tisfax mhedda l-produzzjoni Komunitarja tal-prodotti tas-sajd u biex tiġi żgurata provvista adegwata għall-industrija tal-ipproċessar tal-UE, kwoti tariffarji bħal dawn għandhom jinfetħu skont is-sensittività tal-prodott ikkonċernat fis-suq Komunitarju. Għalhekk huwa xieraq li kwoti tariffarji bħal dawn jinfetħu għall-perijodu 2010 sa 2012, b'applikazzjoni ta' tnaqqis jew tneħħija tad-dazji doganali.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 824/2007 tal-10 ta' Lulju 2007 li jiftaħ u jipprova għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Komunità għal ċerti prodotti tal-ħut matul il-perijodu 2007-2009 ⁽¹⁾ għandu jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament sabiex jiġu ggarantiti l-kondizzjonijiet xierqa tal-provvista għall-industrija Komunitarja għall-perijodu 2010 sal-2012.
- (3) Access ugwali u bla interruzzjoni għal daww il-kwoti tariffarji għandu jiġi żgurat għall-importaturi Komunitarji kollha u r-rati stabbiliti għall-kwoti għandhom jiġu applikati mingħajr interruzzjoni għall-importazzjonijiet kollha tal-prodotti kkonċernati fl-Istati Membri kollha sakemm il-kwoti tariffarji jkunu ntużaw.
- (4) Biex tiġi żgurata l-effiċjenza ta' ġestjoni komuni tal-kwoti tariffarji, l-Istati Membri għandhom jingħataw permess li jiġbdu mill-ammont tal-kwota l-kwantitajiet meħtieġa li

jikkorrispondu mal-importazzjonijiet attwali tagħhom. Peress li dak il-metodu ta' ġestjoni jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, din tal-aħħar għandha b'mod partikolari tkun tista' tissorvelja r-rati li bihom jintużaw il-kwoti u għandha tinforma lill-Istati Membri kif meħtieġ.

- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jfissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽²⁾ jipprevedi sistema ta' ġestjoni tal-kwota tariffarja li ssewi l-ordni kronoloġika tad-dati tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera. Il-kwoti tariffarji miftuħa b'dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri skont dik is-sistema.
- (6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 824/2007 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.
- (7) Fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, huwa importanti li tingħata eċċezzjoni għall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-paragrafu 1(3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (1) Id-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti elenkati fl-Anness għandhom jiġu sospiżi, fil-limiti tal-kwoti tariffarji, għar-rati, għall-perijodi, u sal-ammonti indikati hemmhekk.
- (2) L-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness għandhom ikunu koperti bil-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 biss jekk il-valur tad-dwana ddikjarat ikun tal-inqas daqs il-prezz ta' referenza ffixsat, jew li għandu jiġi ffixsat, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ⁽³⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 184, 14.7.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw il-ġestjoni u l-kontroll xierqa tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 824/2007 għandu jitħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

C. MALMSTRÖM

ANNEX

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (tunnellati) (*)	Dazju fuq il-kwota	Perijodu tal-kwota
09.2759	ex 0302 50 10 ex 0302 50 90 ex 0303 52 10 ex 0303 52 30 ex 0303 52 90	20 10 10 10 10	Merluzz (<i>Gadus morhua</i> , <i>Gadus ogac</i> , <i>Gadus macrocephalus</i>), minbarra l-fwied u l-bajd, frisk, imkessaħ jew iffriżat, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	80 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2765	ex 0305 62 00 ex 0305 69 10	20 25 29 10	Merluzz (<i>Gadus morhua</i> , <i>Gadus ogac</i> , <i>Gadus macrocephalus</i>) u ħut tal-ispeċi <i>Boreogadus</i> saida, immellaħ jew fis-salmura, iżda mhux imnixxef jew iffumikat, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	5 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2761	ex 0304 29 91 ex 0304 29 99 ex 0304 99 99	10 41 81 60 81	Blue grenadier (<i>Macruronus</i> spp.), flettijiet iffriżati u laħam ieħor, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	20 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2760	ex 0303 78 11 ex 0303 78 12 ex 0303 78 13 ex 0303 78 19 ex 0303 78 90 ex 0303 79 93	10 10 10 11 81 10 10	Marlozz (<i>Merluccius</i> spp. excluding <i>Merluccius merluccius</i> , <i>Urophycis</i> spp.), u Pink cusk-eel (<i>Genypterus blacodes</i>), iffriżat, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	15 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2770	ex 0305 63 00	10	Inċova (<i>Engraulis anchoita</i>), immellħa jew fis-salmura, iżda mhux imnixxfa jew iffumigata, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	5 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2788	ex 0302 40 00 ex 0303 51 00 ex 0304 19 97 ex 0304 99 23	10 10 10 10	Aringi (<i>Clupea harengus</i> , <i>Clupea pallasii</i>), b'piż nett ta' aktar minn 100 g kull biċċa jew qatgħa, jew piż li jaqbeż it-80 g kull biċċa, għajr fwied u bajd, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	20 000	0 %	1.10.2010-31.12.2010 1.10.2011-31.12.2011 1.10.2012-31.12.2012
09.2792	ex 1604 12 99	10	Aringi, imħawra u/jew ippriżervati fil-hall, fis-salmura, ippriżervati fil-btieti ta' għallin-qas piż mingħajr ilma nett ta' 70 kg, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	10 000 ⁽⁶⁾	6 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2790	ex 1604 14 16	20 30 40 95	Flettijiet magħrufa bħala "loins" tat-tonn u tal-palamit, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	15 000	6 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2774	ex 0304 29 58 ex 0304 99 51	10 10	Marlozz (<i>Merluccius productus</i>), flettijiet iffriżati u laħam kapuljat, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	12 000	4 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2762	ex 0306 11 10 ex 0306 11 90	10 10	Awwist u awwist tax-xewk tal-baħar (<i>Palinurus</i> spp., <i>Panulirus</i> spp., <i>Jasus</i> spp.), ħaj, imkessaħ, iffriżati, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽³⁾	750	6 %	1.1.2010-31.12.2012

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (tunnellati) (*)	Dazju fuq il-kwota	Perijodu tal-kwota
09.2794	ex 1605 20 10 ex 1605 20 99	50 45	Gambli u gambli kbar tal-ispeċi <i>Pandalus borealis</i> ; imsajra u mqaxxa, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽⁴⁾	20 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2785	ex 0307 49 59 ex 0307 99 11	10 10	Miżwed ⁽⁵⁾ tal-klamari (<i>Ommastrephes</i> spp. — minbarra <i>Ommastrephes sagittatus</i> —, <i>Nototodarus</i> spp., <i>Sepioteuthis</i> spp.) u <i>Illex</i> spp., iffriżati bil-ġilda u bil-pinen, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	45 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2786	ex 0307 49 59 ex 0307 99 11	20 20	Klamari (<i>Ommastrephes</i> spp. — minbarra <i>Ommastrephes sagittatus</i> —, <i>Nototodarus</i> spp., <i>Sepioteuthis</i> spp.) u <i>Illex</i> spp., iffriżati sħaħ, jew tentakli u pinen, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	1 500	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2772	ex 0304 99 10	10	Surimi, iffriżati, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	55 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2776	ex 0304 29 21 ex 0304 29 29 ex 0304 99 31 ex 0304 99 33	10 20 10 10	Merluzz, (<i>Gadus morhua</i> , <i>Gadus macrocephalus</i>), flettijiet iffriżati u laħam, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	20 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2778	ex 0304 29 99 ex 0304 99 99	65 65	Ħut ċatt, flettijiet iffriżati u laħam ieħor tal-ħut iffriżat, (<i>Limanda aspera</i> , <i>Lepidopsetta bilineata</i> , <i>Pleuronectes quadrituberculatus</i> , <i>Limanda ferruginea</i> , <i>Lepidopsetta polyxstra</i>) għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	10 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012
09.2777	ex 0303 79 55	40	Pollakkju tal-Alaska (<i>Theragra chalcogramma</i>), iffriżati, għall-ipproċessar ⁽¹⁾ ⁽²⁾	10 000	0 %	1.1.2010-31.12.2012

⁽¹⁾ L-Entrata taħt din is-subintestatura hija suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93).

⁽²⁾ Din il-kwota hija disponibbli għal prodotti maħsuba għal kwalunkwe operazzjoni, sakemm mhux esklussivament għal operazzjoni waħda minn dawn jew aktar: — tindif, tneħħija tal-ġewwieni, qtugħ tad-dnub, qtugħ tal-irjus, tqattigħ (għajr tqattigħ f'biċċiet żgħar, filettjar, il-produzzjoni ta' flaps jew it-tqattigħ ta' blokki ffriżati jew il-qsim ta' blokki ta' flettijiet bil-friża b'fuljata bejniethom), — it-teħid ta' kampjuni, l-għażla, it-tikkettar, l-ippakkjar, it-tkessiħ, l-iffriżar, l-iffriżar qawwi, it-twaqqigħ tal-friża, is-separazzjoni.

Il-kwota mhix disponibbli għal prodotti maħsuba, barra minn gekk, għal trattament (jew operazzjonijiet) li jikkonferixxi/u intitolament għal kwota, fejn tali trattament (jew operazzjonijiet) isir(u) fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut jew tal-catering. It-tnaqqis fid-dazji doganali għandhom japplikaw biss għall-ħut maħsub għall-konsum mill-bniedem.

⁽³⁾ Prodotti taħt il-kodiċijiet NM 0306 11 10 10 u 0306 11 90 10, madankollu, jikkwalifikaw għall-kwota jekk jgħaddu minn operazzjoni waħda, jew it-tnejn li huma, minn dawn li ġejjin:

— il-qsim tal-prodott iffriżat, it-trattament tal-prodott bis-sħana sabiex ikun jista' jitneħħa l-ħmieġ intern.

⁽⁴⁾ Prodotti taħt il-kodiċijiet NM 1605 20 10 50 u 1605 20 99 45, madankollu, jikkwalifikaw għall-kwota jekk issirilhom waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin:

— trattament b'gassijiet tal-imballaġġ għall-gambli u l-gambli kbar kif definit fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 95/2/KE tal-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa (ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1).

⁽⁵⁾ Il-ġisem ta' ċefalopidi jew il-klamari mingħajr ir-ras u t-tentakoli.

⁽⁶⁾ Espress f'piż nett mingħajr ilma.

^(*) Espress f'piż nett, ħlief fejn speċifikat mod ieħor.